MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 35/1999/1

Agent Kummissarju ta’ l- Artijiet

-vs-

Camilleri Margerita
Philippa Axiaq
Nazzareno Cortis

Il- Bord,

Ra r- rikors ta’ l- Kummisarju ta’ l- Art fejn jesponi bir- rispett:

Illi l- intimati gew notifikati b’ Avviz ghall- ftehim datat 20 ta’ Mejju 1999, fejn gew infurmati li l- kumpens li l- awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax- xiri assolut bhala franka u libera tal- bicca art f’ Haz Zebbug, tal- kejl ta’ madwar 568 metru kwadru, li tmiss mill- Majjistral u mix- Xlokk ma’ propjeta’ ta’ Nazzareno Cortis u ohrajn u min- Nofsinhar ma’ triq pubblika, huwa ta’ mitejn u tmenin Lira Maltija (Lm 280.00) kif jidher mir-

rapport tal- Perit Joseph Mizzi A. & C. E. tad- 19 ta' Gunju 1998 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l- istess Avviz ghall- Ftehim.

Illi b' ittra ufficjali tad- 19 ta' Gunju 1999 l- intimati fost affarjiet ohra jiddikjaraw li ma jaccetawx il- kumpens offert u jitolbu li dan il- kumpens ghandu jkun ta' sbatax il- elf u erba' mitt Lira Maltin (Lm 17,400.00).

Ghaldaqstant ir- rikorrent jitlob bir- rispett li dan il- bord joghgbu jordna lill- intimati biex jittrasferixxu favur ir- rikorrent b' titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il- bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin- Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment ta' l- Art jew lin- Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l- att relattiv f' dik il- gurnata, hin u lok li dan il- Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall- eventwali kontumaci fuq l- att u jaghti l- provedimenti l- ohra kollha mehtiega skond id- dispozzizzjonijiet tal- Ordinanza dwar l- Akkwist ta' Artijiet ghall- Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra r- risposta ta' l- intimati fejn jesponu b' rispett:

Illi l- kumpens offert mir- rikorrent ghall- propjeta' in kwistjoni mhux gust u huwa baxx kif gja gie espost lir- rikorrenti fl- itrra ufficjali risponsiva tal- esponeneti tad- 9 ta' Gunju 1999 u f' kull kaz kull kumpens dovut lill- esponenti ghandu jithallas flimkien mall- imghaxxijiet legali dejjem skond il- ligi.

Salv kull risposta ulterjuri.

Ra li l- partijiet gew notifikati bl- atti skond il- ligi.

Sema ix- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u id- dokumenti kollha.

Ra d- digriet tieghu li bih gew mahtura Periti Teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC David Pace.

Ra r- relazzjoni ta' l- imsemmija periti fejn ikkonfermaw illi l- art in kwistjoni li ma kelliex faccata fuq triq ezistenti izda b' konfigurazjoni fisika interkjuza, kienet tikkwalifika bhala art agrikola u giet stmata bhala libera u franka fl- ammont ta' elfejn mitejn u hamsa u disghin lira Maltija (Lm 2295.00).

Jilqa' it- talba tar- rikorrent u jordna lill- intimati jghaddulu b' titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka bicca art fil- kontrada ta' Bertu, Hal Muxi, Haz Zebbug tikkonfina mill- Majjistral u mix- Xlokk ma' propjeta' ta' Nazzareno Cortis u ohrajn u min- Nofsinhar ma' triq pubblika ta' cirka 568 metru kwadru, jew 3 sieghan u 0.56 kejla raba bil- kumpens ta' elfejn, mitejn u hamsa u disghin lira (Lm 2295); jahtar lin- Nutar Vincent Miceli jew lin- Nutar li jkun qed jghamel minfloku bhala n- Nutar tar-rikorrent biex jippublika l- att opportun fis- 7 ta' Settembru 2005 fl- ufficju tar- rikorrent; jahtar lid- Dottoressa Grazziella Bezzina biex tidher fuq l- att ghall- kontumaci; l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill- partijiet fi proporzjon li d- differenza fl- ammont offrut mill- awtorita' kompetenti u dak stabilit mill- Bord ikollhom ghad- differenza fl- ammont mitlub mis- sid u l- ammont stabbilit mil- Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------